# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 687/97

Ronald Guillaumier

vs

Id-Direttur Generali Management and Personnel Office Ufficju tal-Prim Ministru u Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru

Illum 16 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-27 ta' Gunju 1989, huwa sofra ingustizzja f'li nqabez fil-promozzjoni ghall-hatra ta' Kap Grad I.

Illi l-fatti tal-kaz kienu dawn: Meta ir-rikorrent kien wasal ghall-promozzjoni ta' Kap Grad I, gie maqbuz minn numru ta' ufficjali (xi ghaxra) li kienu 'juniors' tieghu (dok A) u dan minghajr ma kien hemm xi rapport avvers, tant li ftit xhur wara r-rikorrent inghata l-promozzjoni dovuta. Immedjatament malli nqabez is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern u Gustizzja u l-istess Ministru kiteb lis-Segretarju Generali biex din l-ingustizzja tigi rimedjata immedjatament skond Dok B. Fil-15 ta' Settembru 1989 gie rimedjat il-kaz tas-Sur Joseph Galea Mousu li wkoll kien inqabez. Mhux talli hekk izda gie appuntat Kap Grad I iehor li wkoll kien 'junior' ta' ir-rikorrent (Dok C). Dawn iz-zewg hatriet kienu retroattivi wkoll mill-27 ta' Gunju 1989. Madankollu l-ittra tal-Ministeru tal-Intern u Gustizzja biex jigi rimedjat il-kaz tar-rikorrent baqghet injorata. Dan gie appuntat Kap Grad I fil-25 ta' Gunju 1990 (Dok D) b'konsegwenza ta' telf ta' 'seniority' u salarju u eventwalment ta' pensjoni.

Illi hu kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku bi jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' ingustizzji, u jipprovdi dwaru billi jordna li l-hatra tar-rikorrent tkun effettiva mill-27 ta' Gunju 1989 u konsegwentement jinghata d-drittijiet lilu spettanti dwar 'seniority' salarju u pensjoni.

Alternattivament dan it-Tribunal jordna li ir-rikorrent jinghatalu kumpens fl-ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew:

1. Illi l-hatra ta' Kap ta' Dipartiment tal-Gvern hija specifikatament regolata mill-Art 92(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u din issir mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Mhuwiex stipulat li tali hatra trid issir skond xi ordni ta' anzjanita'. Fil-fatt ghalkemm l-anzjanita' tinghata l-konsiderazzjonijiet li jixirqulha mhix il-kriterju determinanti li fuqu ssir il-hatra f'dan il-livell fejn il-valur professjonali ta' l-impjegat huwa l-aktar importanti.

2. Illi meta saru l-hatriet ta' Head I fiz-zmien indikat mir-rikorrent dan ma nhassx li kien l-aktar ufficjal idoneju ghal xi wiehed mill-postijiet li riedu jimtlew. Illi l-enfasi fuq il-valur professjonali u l-fatt illi l-persuni proposti ma kienux necessarjament l-aktar persuni anzjani, ghad li kollha kellhom esperjenza sostanzjali tirrizulta wkoll mir-rakkomandazzjoni ghall-promozzjonijiet ghall-gradi ta' Kap Grad II, u Kap Grad I li saret fil-5 ta' Mejju 1989 mill-allura Segretarju Generali.

3. Ghaldaqstant l-intimati ssottomettew illi l-ilment mhuwiex fondat fit-termini ta’ l-Att VII ta’ l-1997.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien appuntat Assistant Kap fil-Ministeru tal-Intern u Gustizzja fit-28 ta’ Lulju 1987. Tul iz-zmien li ghamel bhala Assistant Kap dejjem kellu “Performance Rating Report” tajjeb u s-Segretarju Permanenti s-Sur Charles Mifsud kiteb li kien jikkwalifika tajjeb ghall-promozzjoni li kien imiss jigifieri Kap 1. Fl-estimi ta’ 1989 kien hemm provdut il-post ta’ Kap 1 fil-Ministeru tal-Intern u Gustizzja. Il-Performance Rating Reports iddahhlu xi snin qabel bi ftehim mal-Unions flok il-Confidential Reports li kienu jsiru qabel. Id-differenza kienet li waqt li l-Confidential Reports kienu jsiru b’mod konfidenzjali dwar kull ufficjal mis-superjuri tieghu minghajr ma l-istess ufficjal ikun jaf x’ikun inkiteb fuqu, il-Performance Rating Report tigi ffirmata anki mill-Ufficjal li dwaru qed isir ir-rapport biex dan ikollu c-cans u d-

dritt li jikkummenta dwar xi punti negattivi li jista' jkun hemm kontrieh.

Meta hargu l-appointments fil-bidu ta' Lulju 1989 b'sehh mill-27 ta' Gunju 1989 u hu nqabez immedjatament ittiehdu il-passi mis-Segretarju Permanenti s-Sur Mifsud u mill-Ministru ta' l-Intern u Gustizzja biex is-sitwazzjoni tigi rrangata immedjatament u dan skond kif jidher minn ittra tal-11 ta' Lulju 1989 miktuba mis-Sur Charles Mifsud u li fuqha l-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien il-Prof. Guido DeMarco li fuqha kiteb "strongly recommended". B'danakollu ghalkemm f'kaz ta' ufficjal iehor is-Sur Joseph Galea Mousu li kien inqabez ittiehdu l-passi rimedjali ma ttiehdu ebda passi fil-kaz tar-rikorrent. Inoltre gie appuntat ufficjal iehor is-Sur Joseph P. Camilleri li ukoll kien junior tar-rikorrent u dawn il-hatriet saru fil-15 ta' Settembru 1989 b'effett retroattiv mis-27 ta' Gunju 1989, l-istess data li kien hargu l-hatriet fejn ir-rikorrent kien inqabez. Ir-rikorrent zied li l-post ta' Kap I hu post amministrattiv u ma hemm xejn li juri li dan huwa xi kariga specjalizzata hlief fl-amministrazzjoni.

Numru minn dawk li kienu juniors tar-rikorrent, jew kienu qeghdin f'Dipartiment diffrenti minn dak fejn eventawlment hadu l-kariga ta' Kap 1 jew inkella ntbaghtu hemm ftit xhur qabel anticipament bhala Assistant Kap biex jitharrgu fil-post li ghad iridu eventwalment jokkupaw, haga li mar-rikorrent ma saritx. Semma l-kaz tas-Sur Francis Scerri 'junior' tieghu li kien fid-Dipartiment tas-Successjoni, ha transfer ghad-Dipartiment tal-Kultura, eventwalment appuntat Kap I fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u spicca fis-Segretarjat tal-Ambjent.

Meta ha l-kariga ta' Kap I fil-25 ta' Gunju 1990 kien intbaghat fis-Segretarjat ta' l-Ambjent fejn ma kellu ebda esperjenza. Hu kellu 27 sena esperjenza fic-Civil wara li dahal bhala Executive Officer fit-2 ta' Mejju 1962 u serva f'hafna dipartimenti ta' kalibru fosthom Tezor, Awditur, Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi, Taxxi Interni. Meta ha l-kariga ta' Kap I fis-Segretarjat ta' l-Ambjent b'sehh mill-25 ta' Gunju 1990 sab hemm lis-Sur Francis Scerri li kien qabzu fis-27 ta' Gunju 1989. Semma li meta Scerri kellu skontru mas-Segretarju Parlamentari Dr. Stanley Zammit inghata transfer ghad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u hu baqa' jaghmel ix-xoghol tat-tnejn, Dr. Stanley Zammit kien kuntent hafna bih u kien jafdah.

Esebixxa dokument li minnu jirrizulta l-ammont mitlub minhabba n-nuqqas ta` promozzjoni li r-rikorrent bata. Dan id-dokument sar flimkien mac-Chief Salaries Officer tat-Tezor is-Sur Anthony Fava. Minn dan id-dokument jirrizulta li r-rikorrent tilef Lm2519.05 telf ta' paga, Lm689.18 telf ta' gratuity u telf fil-pensjoni sal-31 ta' Mejju 2002 Lm1272.51 u b' kollox Lm4480.74.

Semma li rtira meta ghalaq it-30 sena servizz u ghalhekk ta' 52. Kien jaf bid-differenza li kien ha jkollu fil-pensjoni li kieku qaghad disa' xhur aktar x' kienu ha jkunu l-konsegwenzi pero` rtira ghax hadha bi kbira li ma hax il-promozzjoni.

Charles Mifsud li kien Segretarju fil-Ministeru tal-Gustizzja u Parlament semma li kien kiteb ittra fil-11 ta' Lulju 1989. Zied li r-rikorrent kien inqabez fil-promozzjoni u kienu hassew li ghandha

tinkiteb ittra biex tigi regolarizzata l-posizzjoni fis-sens li kienu hassew li ma kellux jinqabez. F' din l-ittra indirizzata lis-Segretarju Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u esebita bhala Dokument "B" a fol 8 tal-process jirrizulta:

"Mr. Ronald G. Guillaimier, Assistant Head in this Ministry, is strongly recommended for promotion to Head I with effect from this month. This recommendation is based both on his seniority and his merits.

Regarding his seniority, it is strongly felt that Mr. Guillaumier should not have been passed over by seven junior officers in the service (staff list 1986) recently appointed to the post of Head I. The Ministry has never submitted any adverse reports on this officer and hence even on the ground of seniority alone this officer should have been appointed Head I along with 26 officers who have recently received this appointment earlier this month…

Regarding his merits it is pointed out that Mr. Guillaumier takes a keen interest in his work and has always performed his duties in this Ministry meticulously and efficiently…

Given the circumstances of this case your urgent attention is appreciated for the early remedy of the situation."

Semma li ma jistax jikkummenta fuq il-mertu u l-kwalita` tal-persuni l-ohra li ma kienux fil-Ministeru tieghu pero` certament ir-rikorrent kien bniedem li kellu l-kwalitajiet kif isemmi l-istess ittra. Zied li pero` lilu qatt ma kienu staqsewh biex jaghmel rapporti fuqu qabel ma nghataw il-promozzjonijiet. Dak iz-zmien kienet il-prattika li l-kap jaghmel ir-rapport tieghu. Ma kienx hemm rapporti fuq ir-rikorrent ghalkemm kienet il-prattika li jsir rapport annwali. L-iskop tar-rapport kien biex wiehed jara fuq il-promozzjoni u infatti qabel dejjem kien ikollu say kbira dwar il-promotions f` kull sezzjoni li kien jaghmel ir-rapporti tieghu fuqhom. Ir-rakkomandazzjoni kienet saret lill-MPO mhux biss fuq seniority izda wkoll fuq il-mertu. Zied li hu ma kienx qabad u kiteb l-ittra minn rajh izda qabel kien kellem lill-Ministru koncernat li dak iz-zmien kien l-Onor. Dr. DeMarco u hu kien qabel mieghu li ghandha tinkiteb l-ittra in kwistjoni u ghalhekk kiteb l-ittra wara li qablu inkluz fuq il-kontenut taghha tant kemm hu hekk li fuq l-ittra hemm ukoll il-firma tal-President tar-Repubblika dak iz-zmien il-Ministru l-Onor. Dr. Guido DeMarco u bil-kliem “I will be speaking to you urgently on this matter.”

<u>Alfred Degabriele</u> Chief Pensions Officer fid-Dipartiment tat-Tezor xehed li dwar il-kaz ta’ Ronald Guillaumier kieku ha l-pensjoni mqar disa’ xhur qabel presso a poco, il-pensjoni kienet tkun oghla u s-somma kienet tkun oghla u kien jiehu Lm2071 ohra. Kieku ha l-promozzjoni disa’ xhur qabel kieku l-pensjoni kienet tinhadem fuq iz-zewg terzi tat-terminal salary, is-salarju annwali li spicca bih, u mhux average tal-ahhar tliet snin li fil-fatt kien fihom.

Jekk bniedem jaghmel tletin sena servizz u jkun ghamel tliet snin in the grade, il-pensjoni tinhadem a bazi ta' zewg terzi tal-ahhar salarju. Ikkonferma li d-differenza fis-sena telf ghalih hija Lm165.40 per annum u d-differenza fil-gratuity kienet tammonta ghal LM689, naturalment ta' darba, u t-telf fil-pensjoni bhala tali sal-lum ilahhaq sa Lm1382.

Xehed Vince Piccinino Assistent Direttur fil-Management and Personnel Office li kkonferma r-risposta tad-dipartiment.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi r-rikorrent sostna li hu suppost kellu jinghata l-hatra fis-27 ta' Gunju 1989 u mhux fil-25 ta' Gunju 1990. Gab prova tas-seniority kif ukoll tal-kapacitajiet tieghu u f' dawn il-provi gab ukoll kemm depozizzjoni kif ukoll kitba tas-Segretarju fil-Ministeru tal-Gustizzja kif ukoll tal-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien illum il-President G. DeMarco. Ma gie prodott mill-intimati ebda rapport negattiv fil-konfront tar-rikorrent. Huwa inspjegabbli kif ir-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni fis-27 ta' Gunju 1989.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna /

persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Dan it-Tribunal ghalkemm ihoss li r-rikorrent kellu jinghata l-kariga b' effett mis-27 ta' Gunju 1989, u peress li r-rikorrent illum il-gurnata gja rtira jhoss li jkun aktar opportun li jidhol fl-aspett tar-rimedju tal-kumpens milli dak kumpensattiv u minnflok ma joqghod jirrakkomanda li l-promozzjoni tinghata mid-data msemmija bil-konsegwenzi burokratici rizultanti li jkun ahjar jekk it-Tribunal jidhol biss fuq l-aspett tal-kumpens.

Irrizulta li r-rikorrent kien haqqu l-promozzjoni. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimati. Jilqa' t-talba tar-rikorrent fis-sens li ghandu jinghata kumpens xieraq u ghalhekk wara li ngabet il-prova li sal-31 ta' Mejju 2000 ir-rikorrent kien gja sofra telf ta' Lm4480 it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' erbat elef erba' mija u tmenin lira [LM4480].

Spejjez kontra l-intimati.